KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

# Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 56, miżmuma nhar it-Tnejn 21 ta' Mejju 2018 fil- 17.30, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

**Membri Preżenti:**

- Anne Fenech — Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Daniel Grima — Kunsillier
- Dounia Borg — Kunsillier
- Robert Piscopo — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Edward Bugeja — Kunsillier

**Membri Skużati**:

- Mandy Buhagiar — Kunsillier
- Alfred Grima — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Joseph Vella — Kunisllier
- Rodney Galea — Kunsillier

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv – Elke Sghendo

AĠENDA 56

56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

56.2 Deċizzjonijiet dwar il-Proġett tat-Thallesseljn

56.3 Tmiem tal-laqgħa

---

Minuti 56

56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Il-Kunsillier Paul Buġeja qajjem point of order u qiegħed jiġbded l-attenzjoni li qedin isiru ħafna laqgħat b'urġenza u qiegħed jiproponi li issir laqgħa formali kull ħmistax jew kull gimgħa hekk skond il-bżonn. Irrimarka ukoll li l-Kunsillier li m'attendietx il-laqgħa minħabba attivita organizzata mil-Kunsill mhiex raġuni valida għalfejn mhiex prezenti. Wara dan il-Kunsillier Graziella Galea għamlet point of order li id-data tal-attivita ijlha ffisata numru ta'gimgħat u ma kienx jgħamel sens li tinżamm laqgħa propju f'din il-ġurnata. Il-Kunsillier Graziella Galea irimarkat li laqgħa urġenti trid tinżamm sa mhux aktar tard minn tlett tijiem mid-data tat-talba. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat kif verbalment talbet id-Dipartiment għal għajnuna minħabba li hi kienet ser tkun assenti iżda ma kien hemm ħadt li seta' jattendi.

Is-Sindku, qrat l-ittri tal-apologiji fejn Il-Kunsillier Antoinette Bezzina kienet qedgħa tieħu sehem f'attivita tal-Kunsill, Il-Kunsillier Joseph Vella kellu impenji ta' xogħol, Il-Kunsillier Rodney Galea u Mandy Buħaġiar ma jifilħux u il-Kunsillier Alfred Grima kien imsiefer.

56.2 Deċizzjonijiet dwar il-Proġett tat-Thallesseljn

Is-Sindku informat li kien hemm laqgħa fis-seba' ta' Mejju 2018 fejn ġew diskussi xogħolijiet pendenti. Ġie mistieden il-Bord tal-infrastruttura u preżenti kien hemm il-Kunsillier Alfred Grima u l-ADSE Elke Sghendo għaliex il-Kunsillier Paul Bugeja kien ma jiflaħx u l-Viċi Sindku Daniel Grima kien imsiefer. Din il-laqgħa saret flimkien mal-Periti u il-kuntratturi kkonċernati. Ġew diskussi xogħolijiet dwar il-Water Services Corporation, Enemalta permits, finishings tal-kamra, CCTVs (3quotes), qtugħ tas-Siġar u murals.

Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa jekk dawn ix-xogħolijiet humiex kopruti diġa mit-Tender u l-ADES ikkonfermat li żdied ix-xogħol u dawn ix-xogħolijiet mhumiex kopruti.

B'referenza għal imejl minn għand l-Perit Etienne Magri, s-Sindku bdiet taqra l-informazjoni rigward l-ispejjes tal-proġett hekk kif jidhru hawn taħt:

***<u>Civil Works Tender:</u>***

*Contract Value:* ***EUR 119,893.39 ex. VAT***

*Savings from original contract for:* ***EUR 16,000 ex. VAT circa***

*Extra works certified to date:* ***EUR 8,226.24 ex. VAT*** *(Bill 01)*

*Extra works certified to date:* ***EUR 11,682.50 ex. VAT*** *(Bill 02)*

*Projected Extra works to be carried out:* ***EUR 7,500 circa ex. VAT*** *for plastering and* ***EUR 6,188 circa ex. VAT*** *for Enemalta works.*

*Pending items still to be valued include:*

*a) Galvanised steel door for the electrical room;*

*b) Non-shrinkable concrete to render the staircase;*

*c) WSC connection between WSC main and the electrical room.*

*Additional items that may be considered by the Council and which were mentioned in our site meeting include:*

*a) Drip irrigation system (quotation provided in contractor's email)*

*b) CCTV system*

*c) Murals*

<u>Stimi tal-Enemalta u Plastering</u>

Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa x'ser jikonsisti ix-xogħol ta l-enemalta u l-ADSE spjegat li l-cables tad-dawl iridu jgħaddu min taħt l-art u hemm tul konsiderevoli. Il-Kunsillier Cremona ikkonferma li l-amount mitlub għas-servizz tal-enemalta jghamel sens iżda dak mitlub għal plastering huwa hafna għaliex il-kamra in kwistjoni hija konsiderevolment zgħira fid-daqs.
Il-Viċi Sindku ppropona li ssir kjarifika minn naħa ta' l-ADSE mal-Perit tal-proġett rigward l-istima tal-plastering u din tintbgħat lill-Kunsilliera.

Il-Kunsillier Graziella Galea resqet Point of Order li l-importanti li l-proġett jibqa għaddej.
Il-Kunsillier Paul Bugeja fakkar li l-Kunsillier Alfred Grima kien ressaq mozzjoni li l-Kunsill għandu jagħti data tal-ftuh tal-playing fields lir-residenti.

<u>Drip Irrigation</u>

Dwar id-Drip Irrigation il-Kunsillier Graziella Galea proponiet li jekk dan ix –xogħol jieħu żmien qasir (gimgħa jew gimagħtejn) jsir iżda jekk ser jieħu aktar fit-tul biex jinfetaħ il-playing minħabba dan is-servizz mgħandux isir għalissa jew jista jiġi ikombinat flimkien ma' xogħolijiet oħra.
Il-Kunsillier Paul Bugeja rega' sostna li l-importanti li l-playing field jinagħta lit-tfal kemm jista jkun malajr.

## CCTVs

Kien hemm qbil li jsiru CCTVs kemm hemm bżonn.

## Murals

Il-Kunsillier Graziella Galea spjegat li viċin il-playing fields hemm ħajt kbir abjad li ser ikun ftit ċass ikkomparat mal-playing field kollha kuluri u spejgat kif dan il-caj t jista jiġi mpinġi profesjonalment bit-tema tal-baħar.

## Mozzjoni

Il-Kunsillier Paul Bugeja għadda mozzjoni li għandhom jsiru ix-xogħolijiet meħtiega biss għalissa biex jinfetaħ għal pubbliku kemm jista jkun malajr. Ix-Xogħolijiet li jridu ikunu iffirmati mil-Perit u xogħolijiet bħal CCTVs u Mural jistgħu jiġu diskussi wara. Il-Kunsillier Graziella Galea tissekondaħ.

L-ADSE spjegat li għad fadal ir-railings u l-art xijsiru u li l-kuntrattur ser jagħmel l-aħjar li jista' biex jinfilza ix-xogħol mehtieg. Il-Kunsillier Galea irrimarkat li hemm bżonn certifikat tal-Perit biex dan jinfetah.

Kien hemm qbil unanimu dwar il-mozzjoni tal-Kunsillier Paul Bugeja

## Konkluzjoni

Il-Kunsillier Graziella Galea ġibdet l-attenzjoni dwar ċertu ammonti, biex dawn ikunu legalment korretti skond il-budget tal-Procurment. Irrimarkat ukoll li id-dawl li hemm fis-sit mhuwiex bizzejjed u li hemm bżonn ċertifikat tal-Perit biex jinfetaħ u jkun sikur għat-tfal.

L-ADSE spjegat li hemm xogħolijiet li għandom bżonn jsiru fl-aċċess bejn l-iskola u l-playing fields, u għal fini ta' sigurta minħabba t-tfal, dawn ix-xogħolijiet iridu isiru wara li talaq l-iskola għal vakanzi tas-sajf.

Il-Kunsillier Graziella Galea proponiet li jintalab programme of Woks u id-data ta' meta ser jinbeda x-xogħol.

**56.3 Tmiem tal-laqgħa :** 18.00hrs

<IFFIRMATA>

____________________

Anne – Marie Fenech
Sindku

<IFFIRMATA>

_________________________

Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv